Maltese | Malti



# Sħubija fil-kura
## Nieħdu ħsieb flimkien

Pakkett ta' informazzjoni għal dawk li jżuru jew jagħmlu volontarjat fil-kura residenzjali tal-anzjani

Australian Government
Aged Care Quality and Safety Commission

Engage
*Empower*
**Safeguard**

# Kontenut

| | |
|---|---|
| Inżommu sigur lilek u lil persuna anzjana li qed iżżur | **3** |
| Iġjene tal-idejn | **6** |
| Ilbies tal-maskra | **9** |
| Għajnuniet għal kif tilbes PPE | **13** |
| Innaqqsu it-tixrid tal-infezzjoni waqt xi imxija | **14** |
| Lista tal-iċċekkjar (checklist): Iżżur dar tal-kura tal-anzjani waqt xi imxija | **17** |
| Xhinu programm ta' Sħubijiet fil-kura? | **21** |
| Dikjarazzjoni | **23** |

# Inżommu sigur lilek u lil persuna anzjana li qed iżżur

Il-Kummissjoni għall-Kwalità u s-Sigurtà tal-Kura tal-Anzjani żviluppat riżorsi biex tgħin lill-familja u lill-ħbieb qrib iżommu l-impenn soċjali u relazzjonijiet importanti ta' kura ma' nies li jgħixu f'kura tal-anzjani, anke waqt imxijat (outbreaks). Dan il-pakkett ta' informazzjoni se jibni l-ħiliet tiegħek fil-prevenzjoni tat-tixrid tal-mikrobi.

## X'informazzjoni huwa inkluż f'dan il-pakkett?

Dan il-pakkett fih informazzjoni dwar:

- kif inżommu sigur lilek u l-persuna ta' min qed tieħu kura
- iġjene tal-idejn
- ilbies ta' maskra
- innaqqsu t-tixrid tal-mikrobi waqt xi imxija
- iżżur dar tal-kura tal-anzjani waqt xi imxija.

Il-Kummissjoni żviluppat ukoll modelli ta' tagħlim onlajn li jkopru l-informazzjoni ewlenija f'dan il-workbook. Tista' taċċessja dawn il-modulli fuq il-websajt tal-Kummissjoni.

## Għaliex huma importanti il-prevenzjoni u l-kontroll tal-infezzjonijiet?

L-anzjani huma wħud mill-aktar nies vulnerabbli fil-komunità tagħna, partikolarment fejn jidħol l-impatt ta' infezzjonijiet u mard infettiv. Jekk tkun qed iżżur lil xi ħadd fil-kura tal-anzjani, inti għandek ir-responsabilità biex issegwi prattiki tajbin ta' prevenzjoni u kontroll tal-infezzjonijiet.

Meta inti żżur post ta' kura tal-anzjani, hemm ċerti miżuri li għandek tieħu l-ħin kollu. Xi drabi, tista' tkun qed tħossok tajjeb imma xorta tkun infettiv mingħajr ma tkun taf. Allura kull azzjoni li tieħu tagħmel differenza kbira u tgħin biex twaqqaf il-mard infettiv, bħall-gastro, l-influwenza u l-COVID milli jinfirxu, ħalli tkun tista' tgħin iżżomm lil kulħadd sigur inkluż lilek innifsek.

## Ftakar:

- Kulħadd għandu rwol fil-prevenzjoni u l-kontroll tal-infezzjonijiet.
- Huwa importanti li ssegwi il-linji gwida u r-rekwiżiti kollha pprovduti mid-dar tal-kura tal-anzjani. Kellem lid-dar tal-kura tal-anzjani għal aktar informazzjoni dwar ir-rekwiżiti tagħhom.
- Il-miżuri li tieħu f'waqt ta' imxija se jkunu differenti peress li hemm prekawzjonijiet addizzjonali li jridu jittieħdu. Jekk id-dar tal-kura tal-anzjani qed tirrispondi għall-imxija, irreferi għall-lista tal-iċċekjar għall-kontroll tal-imxija għal aktar informazzjoni.
- Kull resident għandu d-dritt li jżomm relazzjonijiet soċjali inkluż ta' mill-inqas viżitatur wieħed waqt imxija. L-iskeda tal-fatti (fact sheet) tal-Kummissjoni, Ensuring safe visitor access to residential aged care (L-iżgurar ta' aċċess sigur tal-viżitaturi għall-kura residenzjali tal-anzjani) fiha aktar informazzjoni dwar it-tipi differenti ta' viżitaturi f'dar tal-kura tal-anzjani u l-obbligi tal-provvedituri tal-kura tal-anzjani residenzjali biex jiżguraw aċċess sigur għall-viżitatur.

# Miżuri biex iżżomm sigur...

## Qabel ma żżur dar tal-kura tal-anzjani

- Ibqa' d-dar jekk tħossok ma tiflaħx.
- Kun konxju ta' kwalunkwe twissijiet tas-saħħa pubblika li jistgħu jkollhom impatt fuq iż-żjara tiegħek
- Kun konxju tal-arranġamenti taż-żjarat tad-dar tal-kura tal-anzjani
- Ibqa' infurmat dwar ir-rekwiżiti tal-tilqim għal żjarat (pereżempju għall-COVID u l-influwenza) u żomm ir-rekord tat-tilqim tiegħek aġġornat.

## Matul iż-żjara tiegħek



**Naddaf idejk**

Għaliex? Il-mikrobi jistgħu jinxterdu b'kuntatt. Dan meta persuna infettiva tmiss persuna jew oġġett, u persuna oħra tmiss l-istess żona. Jista' jkun li ma tkunx taf jekk qbadtx mikrobi fuq idejk.



**Isgħol jew għatas f'minkbek jew f'maktur tal-karti**

Għaliex? Viruses jistgħu jinfirxu meta persuna infettiva tisgħol jew tagħtas u qtar irqiq jew aerosols jinfirxu fl-arja. Jekk nisgħolu f'idejna dawn il-viruses huma faċli biex jiġu trasferiti għall-affarijiet li mmissu wara. Ftakar li dejjem għandek tnadddaf idejk wara li tuża l-maktur tal-karti (tissue).

## Matul iż-żjara tegħek

### Segwi l-istruzzjonijiet

Għaliex? Li taqra l-avviżi miktuba u li ssegwi d-direzzjonijiet tal-istaff, jagħtik informazzjoni speċifika għall-post li tkun qed iżżur.

### Ilbes maskra

Għaliex? Li tilbes maskri, u tagħmir protettiv personali ieħor (PPE), jgħin biex jitnaqqas ir-riskju li inti jew xi ħadd ieħor tieħdu nifs ‘il ġewwa f'imnifsejk jew li xxerred partiċelli infettati meta titkellmu, tisgħolu jew tagħtsu.

### Żomm id-distanza tiegħek (1.5m) meta tista’, speċjalment meta n-nies ikunu morda

Għaliex? Nies f’kuntatt mill-qrib huma f’riskju għoli li jieħdu n-nifs ‘il ġewwa qtar jew aerosols infettati minn persuna infettata. Għandek iżżomm distanza ta’ 1.5m fi spazji li jinqasmu ma’ ħaddieħor, iżda għall-persuna li int tieħi ħsieb u li tipprovdi kumpanija għaliha, m’hemmx għalfejn iżżomm id-distanza soċjali.

### Iftaħ tieqa

Għaliex? Li tiftaħ tieqa, fejn hu possibbli, jista’ jaħdem bħala ventilazzjoni naturali għal kwalunkwe partiċelli infettivi fl-arja. Iċċekkja mal-istaff qabel ma tiftaħ xi tieqa.

## Wara ż-żjara tiegħek

Ċempel lill-maniġer tad-dar tal-kura tal-anzjani jekk inti:

- issir tħossok ma tiflaħx peress li jista’ jkun li kont infettiv waqt iż-żjara tiegħek
- jkollok xi mistoqsijiet jew tħassib.

# Iġjene tal-idejn

**L-iġjene tal-idejn hija dwar it-tindif ta' idejk. Hija parti importanti minn kif tibqa' sigura u tgħin tipproteġi lilek innifsek u lil oħrajn milli jimirdu. Irridu nnadfu jdejna meta nidħlu f'dar tal-kura tal-anzjani biex nevitaw li nxerrdu xi mikrobi.**

Hemm 2 modi kif tnaddaf idejk:

- sanitizzatur (sanitiser)
- ħasil tal-idejn

## Meta għandi nnaddaf idejja b'sanitiser?

Għandek bżonn tnaddaf idejk f'sanitiser:

- meta tidħol jew toħroġ minn dar tal-kura tal-anzjani
- qabel ma tidħol fil-kamra ta' xi resident
- wara li tmiss il-qanpiena tal-bieb ta' barra, il-pumi tal-bibien jew il-poġġamani tat-taraġ u kwalunkwe uċuħ (surfaces) u oġġetti oħra li jintmessu ta' spiss
- wara li titlaq minn kamra ta' resident.

Biex tara l-filmat dwar kif tnaddaf idejk b'sanitiser, skennja l-QR Code fuq ix-xellug jew ittajpja l-link li ġejja fil-browser tiegħek:

https://www.agedcarequality.gov.au/resources/hand-hygiene-washing-hands-sanitiser-video-partners-care

## Meta għandi naħsel idejja?

Għandek bżonn taħsel idejk bis-sapun u l-ilma:

- jekk int messejt xi ħaġa li ma tidhirx nadifa
- jekk idejk huma viżibilment maħmuġin
- wara li tmur it-tojlit

Biex tara l-filmat dwar kif taħsel idejk bis-sapun u l-ilma, skennja l-QR Code fuq ix-xellug jew ittajpja l-link li ġejja fil-browser tiegħek:

https://www.agedcarequality.gov.au/resources/hand-hygiene-washing-hands-soap-video-partners-care

# Kif għandi nnaddaf idejja bl-użu tas-sanitiser?



**1. Applika s-sanitiser**

- Ippompja s-sanitiser darba jew darbtejn fuq idejk.
- Kun żgur li hemm biżżejjed sanitiser biex jgħatti idejk.



**2. Ogħrok idejk flimkien**

- Ġib il-pali ta' idejk flimkien.
- Ogħrok is-sanitiser minn pala għall-oħra.



**3. Ogħrok fuq il-wara ta' idejk**

- Poġġi l-pala ta' id waħda fuq il-wara ta' idek l-oħra
- Għaqqad subgħajk flimkien u ogħrok 'l fuq u 'l isfel.
- Agħmel dan fuq in-naħa l-oħra.



**4. Tgħaqqad subgħajk flimkien**

- Poġġi idejk pala ma pala.
- Għaqqad subgħajk flimkien u ogħrok 'il fuq u 'l isfel.



**5. Ogħrok fuq il-wara ta' subgħajk**

- Ilwi s-swaba ta' id waħda u biha ogħrok il-pala tal-id l-oħra billi tuża moviment ċirkulari.
- Agħmel dan fuq in-naħa l-oħra.



**6. Ogħrok is-saba' l-kbir ta' kull id**

- Ogħrok subgħajk il-kbir bil-pala ta' idek l-oħra 'l fuq u 'l isfel.
- Agħmel dan fuq in-naħa l-oħra.



**7. Ogħrok il-pali ta' idejk bil-ponot ta' subgħajk**

- Ogħrok il-ponot ta' subgħajk ta' id waħda fil-pala ta' idek l-oħra billi tuża moviment ċirkulari.
- Agħmel dan fuq in-naħa l-oħra.



**8. Ogħrok is-sanitiser fil-polz ta' kull id**



**9. Stenna li s-sanitiser jinxef bl-arja.**

- Tużax xugaman biex tixxotta idejk.

# Kif għandi nnaddaf idejja bl-użu tas-sapun u l-ilma?



### 1. Xarrab idejk

- Iftaħ il-vit u xarrab idejk.
- Żomm il-vit miftuħ waqt li tlesti l-passi kollha meħtieġa iżda tlaħlaħx idejk sa ma tlesti.



### 2. Applika s-Sapun

- Ogħrok il-pali ta' jdejk flimkien.
- Kun żgur li tuża biżżejjed sapun.
- Għandek toħloq ragħwa meta togħrok idejk flimkien.



### 3. Ogħrok fuq il-wara ta' idejk

- Poġġi l-pala ta' id waħda fuq il-wara ta' idek l-oħra
- Għaqqad subgħajk flimkien u ogħrok 'il fuq u 'l isfel.
- Agħmel dan fuq in-naħa l-oħra.



### 4. Għaqqad subgħajk flimkien

- Poġġi idejk pala ma' pala.
- Għaqqad subgħajk flimkien u ogħrok 'l fuq u 'l isfel.



### 5. Ogħrok fuq wara tas-swaba tiegħek

- Ilwi s-swaba ta' id waħda u biha ogħrok il-pala tal-id l-oħra billi tuża moviment ċirkulari.
- Agħmel dan fuq in-naħa l-oħra.



### 6. Ogħrok is-saba' l-kbir ta' kull id

- Ogħrok subgħajk il-kbir bil-pala ta' idek l-oħra 'il fuq u 'l isfel.
- Agħmel dan fuq in-naħa l-oħra.



### 7. Ogħrok il-pali ta' jdejk bil-ponot ta' subgħajk

- Ogħrok il-ponot ta' subgħajk ta' id waħda u ogħrok fil-pala ta' idek l-oħra billi tuża moviment ċirkulari.
- Agħmel dan fuq in-naħa l-oħra.



### 8. Laħlaħ idejk

- Poġġi idejk taħt l-ilma u neħħi s-sapun kollu.
- Uża lil minkbek biex tagħlaq il-vit, kull meta jkun possibbli. TUŻAX IDEJK



### 9. Ixxotta idejk

- Uża xugaman tal-karti nadif biex tixxotta idejk.
- Tużax xugamani tad-drapp.

Meta tkun lest mid-tindif ta' idejk, tmissx is-sink, il-vit jew il-bin inkella jkollok bżonn tnaddaf idejk mill-ġdid.

# L-ilbies tal-maskra

## Għaliex għandi bżonn nilbes maskra?

Li tilbes maskra hija parti importanti minn kif tipproteġi lilek innifsek milli timrad. Tgħin ukoll biex iżżomm sigur lil persuna li qed iżżur jew li tieħu ħsieb. Fil-komunità, int forsi kont liebes maskra tad-drapp jew maskra kirurġika (surgical). Xi maskri oħra huma magħrufa bħala respiraturi.

Jeħtieġ li tilbes maskra xierqa fid-djar tal-kura tal-anzjani biex tevita it-tixrid ta' mikrobi inklużi viruses li jikkawżaw l-irjiħat, l-influwenza u l-COVID. In-nies jistgħu jxerrdu l-mikrobi anki jekk ma jkollhomx sintomi.

## Liema maskra għandi nilbes?

Biex tipproteġi lilek innifsek u lill-oħrajn, għandek tilbes maskra kirurġika jew particulate filter respirator (magħrufa ukoll bħala maskra PFR, P2 jew N95). Il-maskri tad-drapp mhumiex daqshekk effettivi u mhumiex adattati għall-użu f'dar tal-kura tal-anzjani.

Il-maskra tiegħek għandha tiġik sew u tgħatti kemm imnieħrek kif ukoll ħalqek.

Huwa rakkomandat li inti żżomm leħja nadifa (jew imqaxxra qasir) peress li l-evidenza turi li baffi jista' jagħmilha diffiċli biex tikseb siġill adegwat fuq imnieħrek u ħalqek minn maskra. Siġill mhux adegwat jista' jpoġġi lin-nies f'riskju akbar ta' tixrid tal-mikrobi.



## Kemm-il darba għandi nibdel il-maskra tiegħi?

Maskri kiruġiċi, P2 u N95 MA JISTGĦUX jerġgħu jintużaw. Trid tilbes maskra ġdida kull darba li żżur id-dar tal-kura tal-anzjani. Il-maskra tiegħek imbagħad iddum sa 4 sigħat sakemm ma tixxarrabx jew issirilha ħsara. Jekk il-maskra tiegħek tixxarrab jew tkun bil-ħsara trid tibdilha immedjatament.

Jekk tneħħi maskra, trid tintrema ġo bin, u mbagħad trid tuża maskra ġdida. Waqt imxija, maskri użati għandhom jintremew ġo kontenitur speċjali tal-iskart. L-istaff se jappoġġjak b'dan.

Ftakar biex tissanitizza idejk malli tarmi l-maskra tiegħek.

## Kif nilbes fuqi l-maskra kirurġika tiegħi?



**L-1 Pass** Naddaf idejk b'sanitiser.



**It-2 Pass** Żomm il-maskra biċ-ċineg jew il-ħoloq tagħha, imbagħad orbot il-maskra madwar rasek jew orbot il-ħoloq madwar widnejk.



**It-3 Pass** Aċċerta ruħek li l-maskra tgħatti 'l ħalqek u mnieħrek, u li ma jkun hemm l-ebda vojt bejn wiċċek u l-maskra, u agħfas il-biċċa tal-imnieħer madwar imnieħrek.



**Ir-4 Pass** Tmissx il-faċċata tal-maskra waqt li qed tilbisha.

# Kif nilbes il-maskra tiegħi P2 jew N95?



**L-1 Pass** Naddaf idejk b'sanitiser.



**It-2 Pass** Iftaħ il-maskra fuq in-naħa ta' wara 'l fuq. Iftaħ il-panelli u ħoll iċ-ċineg. Hemm strippi metalliki fin-naħa ta' fuq tal-maskra. Din hija l-biċċa tal-imnieħer. Ilwiha ftit f'forma ta' munqar.



**It-3 Pass** Żomm il-maskra b'idejk fuq barra f'forma ta' tazza biċ-ċineg madwar subgħajk.



**Ir-4 Pass** Poġġi l-maskra ma' wiċċek taħt il-geddum u bil-biċċa tal-imnieħer tul l-għadma ta' imnieħrek.



**Il-5 Pass** B'id waħda fuq barra tal-maskra, iġbed iċ-ċinga t'isfel fuq rasek. Poġġi ċ-ċinga madwar il-wara ta' għonqok u taħt widnejk.



**Is-6 Pass** Iġbed iċ-ċinga ta' fuq, fuq rasek u erħiha fl-għoli fuq in-naħa ta' fuq ta' rasek.



**Is-7 Pass** Aġġusta ċ-ċineg. Iċ-ċineg m'għandhomx ikunu mibrumin.



**It-8 Pass** Aġġusta l-maskra fuq il-ħaddejn u l-geddum.



**Id-9 Pass** Dejjem uża żewġ idejn biex "tiffittja" u tifforma l-klipp tal-imnieħer għall-forma tal-għadma ta' mnieħrek billi timbotta l-klipp tal-metall 'il ġewwa lejn wiċċek.



**L-10 Pass** Mexxi subgħajk 'l isfel tal-metall fuq iż-żewġ naħat ta' l-imnieħer.



**Il-11-il Pass**Kun żgur li x-xagħar tal-wiċċ, xagħar u imsielet mhumiex fil-maskra.



**It-12-il Pass** Agħfas 'l isfel fuq il-wiċċ, il-ħaddejn u l-imnieħer.

Biex tara l-vidjo dwar kif tilbes maskra P2 jew N95 u tiċċekkja l-qagħda tagħha, skennja l-Kodiċi QR fuq ix-xellug jew ittajpja l-link li ġejja fil-browser tiegħek: [https://www.agedcarequality.gov.au/resources/wearing-mask-video-partners-care](https://www.agedcarequality.gov.au/resources/wearing-mask-video-partners-care)

## Kif niċċekkja li l-maskra P2 jew N95 tiġini?



**L-1 Pass** Poġġi idejk bil-mod madwar it-tarf tal-maskra.



**It-2 Pass** Ħu nifs fil-fond 'il ġewwa u żommu għal ftit sekondi biex tiżgura li l-maskra tinġibed 'il ġewwa.



**It-3 Pass** Ħu nifs 'il barra, kun żgur li l-maskra tintefaħ 'il barra u ħoss biex tara jekk hemmx xi arja ħierġa.

Huwa importanti li l-maskra tiġik sewwa kif suppost, sabiex tkun tista' tevita li jidħlu l-viruses waqt li tieħu n-nifs 'il ġewwa. Biex tiċċekkja li l-maskra tiġik sewwa:

- poġġi idejk bil-mod madwar it-tarf ta' barra tal-maskra hekk kif tieħu ż-żewġ passi li jmiss biex tħoss jekk hemmx xi arja ħierġa mill-ġnub jew minn naħa ta' fuq tal-maskra
  - **L-1 PASS**: ħu nifs fil-fond, għandek tara li l-maskra tinġibed 'il ġewwa
  - **IT-2 PASS**: ħu nifs 'il barra, issa għandek tara l-maskra tintefaħ 'il barra
- jekk l-arja tiskappa mill-ġnub tal-maskra. Erġa' irranġa l-maskra, issikka ċ-ċinga tal-imnieħer u irranġa l-lastiku mill-ġdid
- jekk l-arja tiskappa minn madwar l-imnieħer. Irranġa ċ-ċinga tal-imnieħer sakemm ikun hemm siġill issikkat.

Jekk ma tkunx tista' taġġusta l-maskra, staqsi lil xi ħadd fid-dar tal-kura tal-anzjani biex jgħinek. Dan jista' jinkludi l-iċċekkjar taċ-ċineg u li tiċċekkja jekk hemmx xi ħaġa (per eżempju, imsielet jew xagħar) maqbuda fit-truf tal-maskra.

Jekk għandek bżonn taġġusta l-maskra waqt li qed tiċċekkja hix tiġik sew, għandek terġa' tiċċekkja hix tiġik sew ladarba l-maskra tkun ġiet aġġustata. Jekk għadek ma tistax tikseb aġġustament tajjeb ipprova tip ieħor ta' maskra. L-uċuħ tagħna huma kollha differenti fil-forma u xi maskri joqogħdu aħjar minn oħrajn.

# Għajnuniet biex tilbes PPE

- Il-maskri jistgħu jkunu ssikkati u skomdi. Staqsi lill-istaff biex jiċċekkjaw jekk il-maskra tiegħek hix imlibbsa sew. Iċ-ċineg m'għandhomx ikunu mkemmxa jew mitwija. It-truf tal-maskra m'għandhomx ikunu mkemmxa, irrumblati jew mitwija fuq il-ġilda tiegħek.
- Applika moisturiser fuq il-ġilda tal-wiċċ qabel u wara ż-żjara tiegħek liebes il-maskra.
- Orbot jew iġbor xagħarek lura qabel ma tilbes il-PPE. Tgħaddix idejk minn taħt it-tarka tal-wiċċ (face shield) b'idejn fl-ingwanti biex tneħħi x-xagħar mill-għajnejn.
- Biex tikseb siġill tajjeb bil-maskri wiċċek għandu jkun nafid jew imqaxxar qasir.
- Aħseb dwar liema oġġett jista' jkollok bżonn qabel ma tilbes il-PPE. Iddaħħalx idejk taħt il-PPE fil-bwiet, basktijiet jew tneħħi saffi tal-ħwejjeġ waqt li tkun libes il-PPE, peress li dan iwassal għal kontaminazzjoni.



# It-tnaqqis tat-tixrid tal-infezzjoni waqt imxija

Hemm riskji ta' infezzjoni kull darba li żżur dar tal-kura tal-anzjani, iżda jista' jkun hemm riskji miżjuda jekk iżżur waqt imxija jew meta l-persuna li int tieħu ħsieb jkollha infezzjoni. Meta żżur dar tal-kura tal-anzjani waqt imxija ta' marda infettiva bħal gastro jew COVID, hemm miżuri addizzjonali li trid tieħu biex tgħin twaqqaf l-infezzjonijiet milli jinfirxu, biex timmaniġġja r-riskji u biex iżżomm lil kulħadd sigur.

Jekk trid tkompli żżur waqt imxija, l-ewwel għandek tikkunsidra r-riskji kollha, li jinkludu l-kundizzjonijet tas-saħħa u l-immunità tiegħek stess.

Huwa importanti li wieħed jiftakar li l-politiki tal-kontroll tal-infezzjonijiet u tal-viżitaturi fid-djar tal-kura tal-anzjani jistgħu jinbidlu malajr skont ir-riskji fi kwalunkwe ħin. Kun konxju ta' bidliet possibbli, sabiex tkun lest jekk ikun hemm imxija.

## Rekwiżiti taż-żjarat

Iż-żjarat f'dar tal-kura tal-anzjani waqt imxija għandhom jiġu kkoordinati mad-dar tal-kura tal-anzjani biex jiġi żgurat li huma ppreparati għaż-żjara tiegħek. Dan jinkludi li tiżgura li jkun hemm PPE u appoġġ disponibbli għalik. Se jsir kull sforz biex niżguraw li tkun tista' tkompli żżur il-persuna li int tieħu ħsieb.

Qabel ma żżur, kun żgur li tissodisfa r-rekwiżiti kollha tad-dar tal-kura tal-anzjani. F'diversi ħinijiet dawn jistgħu jinkludu:

- direzzjonijiet u twissijiet tas-saħħa pubblika
- rekwiżiti tat-tilqim (per eżempju tal-COVID u tal-influwenza )
- test rapidu tal-antiġenu (RAT) jew rekwiżiti oħra tal-ittestjar, kif ikun ordnat.
- It-tlestija tas-'sħubija fil-kura' u t-taħriġ speċifiku fil-post.

Fl-ewwel żjara tiegħek waqt imxija, jista' jkun hemm ukoll orjentazzjoni fejn l-istaff jurik f'liema żoni tista' u ma tistax tidħol u tiżgura li qed tuża PPE b'mod korrett u sigur.

Ftakar: Jekk tħossok ma tiflaħx, oqgħod id-dar u tersaqx lejn is-servizz tal-kura tal-anzjani.



## Ftakar fl-iġjene tal-idejn

Trid iżżomm idejk nodfa. Ikkunsidra:

- qed tuża t-teknika t-tajba?
- taf meta għandek taħsel u meta tissanitizza idejk?
- qed tnaddaf idejk meta jkun meħtieġ? Pereżempju, qabel ma tidħol u wara li toħroġ mill-kamra tal-persuna li tkun qed iżżur.



## Kun konxju ta' dawk ta' madwarek

Qed taħseb f'dawk ta' madwarek? Ftakar li:

- trid tippermetti distanza ta' 1.5m bejn l-oħrajn meta jkun possibbli
- kun konxju tar-restrizzjonijiet dwar in-numru ta' nies li jistgħu jkunu ġewwa żona partikolari.

Id-dar tal-kura tal-anzjani se tkun maqsuma f'żoni differenti skont ir-riskju. Kun konxju ta' fejn tista' u ma tistax tmur fid-dar u obdi r-regoli.



## Ilbes il-PPE meħtieġ

Tagħmir protettiv personali jew PPE jinkludi maskri, ġagagi, ingwanti u protezzjoni għall-għajnejn. Id-dar tal-kura tal-anzjani tista' titolbok tilbes PPE biex tnaqqas ir-riskju li tiġi infettat u li tgħaddi l-mikrobi.

F'imxija, għandhom jintlibsu maskri b'livell ogħla ta' protezzjoni; dawn jissejħu maskri P2 jew N95. Meta tneħħi l-maskra għandek bżonn tarmiha b'mod xieraq u issanitizza idejk.

Tista' tiġi mitlub tilbes PPE addizzjonali waqt iż-żjara tiegħek meta:

- il-persuna li qed iżżur tkun ma tiflaħx u tkun qed tistenna riżultat ta' xi test
- il-persuna li żżur hija kuntatt ta' riskju għoli u huwa possibbli li jista' jkollha infezzzjoni
- hemm imxija fid-dar tal-kura tal-anzjani.

F'imxija, dan jista' jinkludi l-ilbies ta':

- Maskri P2 jew N95 li għandhom livell ogħla ta' protezzjoni. Meta tneħħi l-maskra tiegħek, għandek bżonn tarmiha b'mod xieraq u issanitizza idejk.
- protezzjoni ta' nuċċalijiet bħal nuċċalijiet tas-sigurtà (safety glasses), nuċċalijiet ta' protezzjoni (goggles) jew tarki tal-wiċċ (ftakar: nuċċalijiet tal-vista mhux se jipprovdu protezzjoni adegwata)
- ġagagi
- ingwanti.

## Segwi d-direzzjonijiet kollha

Huwa importanti li ssegwi d-direzzjonijiet kollha mid-dar tal-kura tal-anzjani, inkluż l-aċċess u l-moviment fi ħdan il-bini.

F'imxija, il-moviment tiegħek se jkun limitat għal spażji speċifiċi, magħrufa bħala zoni, fid-dar tal-kura tal-anzjani, li jfisser:

- l-aċċess tiegħek jista' jkun ristrett għal certi żoni
- il-ħtieġa li tbiddel il-PPE jekk taqsam xi żona biex tuża faċilitajiet bħall-kamra tal-banju.

Waqt imxija l-ħinijiet taż-żjarat u kwalunkwe arranġamenti li għandek fis-seħħ, jistgħu jinbidlu. Biex iżżomm lilek u lill-persuna li tieħu ħsieb siguri, l-istaff jgħarrfek jekk iż-żjara tiegħek hijiex limitata għall-kamra tal-persuna, ibbażat fuq il-livell ta' riskju.

## Bidliet oħra

Tista' tinnota bidliet oħra waqt imxija, li jinkludu:

### Żieda fit-tindif

Uċuħ komuni, bħal poġġamani tas-sodod, swiċċijiet tad-dawl u poġġamani oħra, u kmamar tas-sodda jistgħu jitnaddfu b'mod aktar regolari.

### Bidliet fl-ikel

L-ikel jista' jiġi ppreparat f'post differenti u jista' jkun hemm bżonn li l-persuna li int tieħu ħsieb tiekol fil-kamra tagħha. Jista' jkun hemm ukoll bidla mir-reċipjenti tax-xaqquf tas-soltu għal oġġetti li jintremew.

### Monitoraġġ akbar

Jista' jkun hemm monitoraġġ akbar tas-saħħa u l-benessri tar-residenti kollha. Dan jista' jinkludi li jiċċekkjaw regolarment it-temperatura tagħhom, kif qed jieħdu n-nifs u joqgħodu attenti għal bidliet oħra fil-kundizzjoni tagħhom u kif qed iħossuhom.

### L-istaff ta' ħaddiema

Staff differenti jew ġdid jista' jassisti temporanjament bis-servizz ta' kura u appoġġ. Dan jista' jkun minħabba li l-istaff tas-soltu jkun qed jiżola lilu nnifsu d-dar.

Jekk jogħġbok ifhem li l-bidliet huma imfassla biex jipproteġu r-residenti u l-istaff. Se jkunu temporanji.

## Żomm lilek innifsek u lill-oħrajn siguri

Aħseb dwar kif tista' tkompli żżur 'il-persuna li tieħu ħsieb filwaqt li żżomm ruħek sigur. Ikkunsidra l-azzjonijiet li tista' tieħu biex tgħin twaqqaf l-infezzjonijiet milli jinfirxu għal ħaddieħor. Il-lista ta' iċċekkjar li ġejja, għal biex iżżur dar tal-kura tal-anzjani f'imxija, tipprovdi gwida dwar il-passi li tista' tieħu biex timmaniġġja r-riskji għalik innifsek u għall-oħrajn.

### Appoġġ disponibbli:

Ikkuntattja lill-maniġer tad-dar tal-kura tal-anzjani jekk għandek xi mistoqsijiet.

Jekk għandek bżonn aktar informazzjoni ta' gwida ċempel:

My Aged Care **1800 200 422** or www.myagedcare.gov.au

National Corona Virus Hotline fuq **1800 020 080**

# Lista tal-iċċekkjar (checklist) Meta żżur dar tal-kura tal-anzjani waqt imxija

**Din il-lista tal-iċċekkjar tiddeskrivi l-passi prattiċi li tista' tieħu biex timmaniġġja r-riskji għalik u għal oħrajn meta tkun qed iżżur dar tal-kura tal-anzjani waqt imxija.**

## Qabel iż-żjara tiegħek

| Xiex? | Għaliex? |
|---|---|
| Iġjene tal-idejn – kun kunfidenti u pprattika t-tindif ta' idejk b'sanitizzatur jew sapun u ilma. | Li twettaq l-iġjene tal-idejn kif suppost hija importanti ħafna biex tipproteġik mill-mikrobi u mit-tixrid tal-mikrobi lil ħaddieħor. |
| Iddiskuti mad-dar tal-kura tal-anzjani dwar iż-żmien ta' l-ewwel żjara tiegħek. | L-istaff se jkun disponibbli biex jagħtik orjentazzjoni madwar id-dar tal-kura tal-anzjani, u jispjega liema żoni tista' taċċessa. Jispjegaw ukoll liema PPE għandek bżonn tuża, jgħinuk tilbisha u tneħħiha u jwieġbu kwalunkwe mistoqsija. |
| Ifhem li ż-żjara tiegħek se tkun limitata biss għal żona speċifika tad-dar tal-kura tal-anzjani, bħall-kamra tal-persuna li int tieħu ħsieb. | Dan inaqqas ir-riskju li tinfirex l-infezzjoni fid-dar tal-kura tal-anzjani. |
| Iċċekkja mal-istaff liema PPE ser ikollok bżonn tuża.<br><br>Jekk qatt ma lbist PPE qabel, jista' jieħu ż-żmien biex tidraha u għalhekk jista' jkun li jkollok tiskeda żjara iqsar. | Il-PPE se jgħin biex jitnaqqas ir-riskju li tiġi infettat u li tgħaddi l-mikrobi. |
| Kun żgur li t-tilqim tiegħek tal-COVID u tal-influwenza huma aġġornati u li tista' turi ċ-ċertifikati tat-tilqim tiegħek jekk tiġi mitlub. | It-tilqim huwa mod importanti biex tipproteġi lilek innifsek milli tiġi infettat u timrad u milli tgħaddi l-infezzjoni lil ħaddieħor. |

## Fil-jum taż-żjara: Qabel ma titlaq mid-dar tiegħek

| Xiex? | Għaliex? |
|---|---|
| Ikkanċella ż-żjara tiegħek jekk tħossok ma tiflaħx jew ikollok sintomi bħal sogħla jew għatis | Li żżur id-dar tal-kura tal-anzjani meta ma tkunx tajjeb tirriskja li tintroduċi aktar infezzjonijiet fid-dar. |
| Ilbes komdu.<br>Tilbisx ilbies li jkun sħun jew kiesaħ wisq taħt il-PPE. Evita ħwejjeġ li jinqalgħu jew jitqaxxru meta tneħħi l-ġagagi (eż. imsielet). | L-ilbies ta' PPE (bħal ġagagi) jista' jsir sħun u skomdu. Il-PPE jista' jinqabad ukoll fuq ħwejjeġ jew ġojjellerija maħlula. |
| Nuċċalijiet tal-vista jistgħu jkunu suxxettibbli għaċ-ċpar meta tuża PPE. | Tista' tixtri msielaħ (wipes) ta' kontra ċ-ċpar mingħand spiżjar jew optometrista biex tnaqqas iċ-ċpar. Dan jgħin biex ittejjeb il-vista tiegħek meta tilbes il-PPE. |
| Ippjana li ġġib biss oġġetti essenzjali fid-dar tal-kura tal-anzjani sabiex ma ġġibx oġġetti lura fid-dar tiegħek li jkunu qabdu xi mikrobi.<br>Jekk normalment tilbes ġojjellerija bħal imsielet jew arloġġi, ara li tħallihom id-dar.<br>Ma tkunx tista' tuża fliexken tax-xorb personali waqt li tkun fil-kamra tar-resident. | L-oġġetti miġjuba f'kull żona ta' dar tal-kura tal-anzjani waqt imxija ma jistgħux jitilqu miż-żona sakemm ma jkunux ġew imnaddfa u diżinfettati. Jekk is-soltu ġġorr ħendbeg, iċċekkja mal-istaff jekk titħallix iġġibu fiż-żona tar-resident. Dan jista' ma jkunx possibbli minħabba riskju ta' infezzjoni.<br>Xi oġġetti bħal ikel jew kotba li inti ġġib għar-resident se jitħallew magħhom.<br>Jekk qed tippjana li ġġib apparat bħal tablets jew laptops fil-kamra tar-resident u trid teħodhom miegħek fi tmiem iż-żjara, l-ewwel iċċekkja mal-istaff li dan ikun permess u li jistgħu jgħinuk fit-tindif u d-diżinfezzjoni fil-bidu u fit-tmiem taż-żjara. |
| Ippjana li jkollok xi ħaġa x'tiekol u x'tixrob qabel ma titlaq mid-dar. | Ma tistax tiekol jew tixrob mingħajr periklu bla ma tneħħi maskri ladarba tkun fil-kamra tar-resident. |
| Ippjana li ġġib ikel jew snacks li l-persuna li qed tieħu ħsieb jista' jkollha mingħajr periklu. | Filwaqt li m'għandekx taqsam dan l-ikel magħhom, huma jistgħu jiekluh bil-kumdità u mingħajr periklu waqt iż-żjara tiegħek. |
| Mur sat-tojlit qabel il-bidu taż-żjara. | Hemm mnejn li ma tkunx tista' tuża l-kamra tal-banju tar-resident waqt iż-żjara. Hemm mnejn li tkun tista' tuża kamra tal-banju oħra fid-dar tal-kura tal-anzjani, iżda jkollok bżonn tneħħi l-PPE kollu tiegħek u tpoġġi PPE ġdid jekk tagħmel dan. |

## Fil-jum taż-żjara: Meta żżur il-persuna li tieħu ħsiebha

| Xiex? | Għaliex? |
|---|---|
| Segwi d-direzzjoni u wieġeb kwalunkwe mistoqsija dwar is-sintomi.<br><br>Uri d-dokumenti tat-tilqim tiegħek kif meħtieġ. L-istaff jagħti parir ukoll dwar jekk għandekx bżonn tagħmel test rapidu tal-antiġenu (RAT). | Din hija parti mill-proċeduri tad-dar tal-kura tal-anzjani biex titnaqqas kemm jista' jkun infezzjoni ġdida milli tiddaħħal fid-dar. |
| L-istaff fid-dar tal-kura tal-anzjani ser jappoġġjak u jagħtik pariri dwar il-kontroll tal-infezzjonijiet u l-PPE. Jeħtieġ ħafna prattika u esperjenza biex il-PPE jintlibes u jitneħħa b'mod sigur. | Il-kontroll tal-infezzjoni u l-użu tal-PPE jistgħu jkunu ġodda għalik. Biex tkun sigur, l-istaff jista' jgħinek u jurik x'għandek tagħmel, inkluż kif tuża l-PPE, qabel ma tidħol fis-servizz jew fil-kamra tar-resident. |
| Aħseb dwar liema oġġetti jista' jkollok bżonn qabel ma tilbes il-PPE. Iddaħħalx idejk minn taħt il-PPE fil-bwiet, fil-basktijiet jew tneħħi s-saffi tal-ħwejjeġ waqt li tkun liebes il-PPE. | Ladarba tilbes il-PPE tiegħek, is-saffi ta' barra jistgħu jiġu kkontaminati. M'għandekx iddaħħal idejk taħt il-libsa jew il-maskra tiegħek għal kwalunkwe raġuni, inkluż biex tieħu telefon jew oġġett minn but, peress li tirriskja li tinfetta lilek innifsek.<br><br>Jekk tagħmel hekk, ikollok tneħħi l-PPE li qed tilbes, tarmih b'mod sigur f'bins korretti u naddaf idejk b'sanitiser, qabel ma tilbes PPE ġdid. |
| Tipi ta' attivitajiet li tista' taqsam mar-resident x'aktarx li jinbidlu f'waqt ta' imxija.<br><br>Suġġerimenti dwar żjara sigura:<br>• tista' toqgħod ħdejn ir-resident tiegħek (m'għandekx għalfejn iżżomm distanza ta' 1.5m)<br>• xorta tista' tgħin f'attivitajiet bħal tomxotilhom xagħarhom, jaħslu snienhom, titmagħhom, tidilkilhom moisturiser u affarijiet oħra li jagħmlu l-persuna komda<br>• m'għandekx tbus lir-resident (m'għandekx tneħħi l-maskra tiegħek)<br>• jekk tuża laptop jew apparat, inti biss għandek tmiss l-apparat (m'għandux ikun maqsum biż-żewġ persuni jmissuh).<br>• Konxjament evita li tmiss xi ħaġa hekk kif tgħaddi mill-bini lejn il-kamra tar-resident tiegħek | Iċċekkja mal-istaff liema attivitajiet huma permessi b'mod sigur. Jista' jkun hemm żoni fuq barra xierqa għal attività jew għal bidla fix-xena. |

## Fil-jum taż-żjara: Fi tmiem iż-żjara tiegħek

| Xiex? | Għaliex? |
|---|---|
| Meta tneħħi l-PPE huwa importanti li tagħmel dan b'mod korrett u li tpoġġi l-PPE fil-bins apposta għall-iskart infettiv. L-istaff jista' jgħinek. Ftakar li trid taħsel idejk bis-sapun u bl-ilma wara li tneħħi l-PPE tiegħek. | It-tneħħija tal-PPE hija l-aktar parti kumplessa.<br>Huwa importanti li tagħmel dan b'mod korrett inkella jkun hemm riskju li tgħaddi l-infezzjoni mill-PPE ikkontaminat tiegħek lilek innifsek. |
| Jekk daħħalt xi oġġetti fil-kamra tar-resident u trid teħodhom lura mill-ġdid, dawn l-oġġetti jridu jitnaddfu u jiġu diżinfettati bir-reqqa. | L-istaff ikollu bżonn jgħinek titgħallem kif tagħmel dan. Id-dar tal-kura tal-anzjani se tipprovdi msielaħ (wipes) tad-deterġent u msielaħ tal-alkoħol għalik biex tnaddaf u tiddiżinfetta oġġetti personali. Għandha tingħata attenzjoni peress li xi prodotti kimiċi jistgħu jagħmlu ħsara lill-uċuħ tal-iskrin tal-apparat elettroniku. Jista' jkun meħtieġ li tiċċekkja l-istruzzjonijiet tal-manifattura. |

## Fil-jum taż-żjara: Meta tasal id-dar

| Xiex? | Għaliex? |
|---|---|
| Jekk iżżur dar tal-kura tal-anzjani waqt imxija, għandek tmur lura direttament id-dar fl-aħħar taż-żjara tiegħek u tbiddel il-ħwejjeġ li kont liebes. | Biex timminimizza r-riskju li tikkontamina l-ambjent tad-dar tiegħek, għandek taħsel ħwejġek. Tista' taħsel ħwejġek mal-oġġetti l-oħra tiegħek għall-ħasil, billi tuża deterġent normali u biċ-ċiklu ta' ilma sħun. |
| Meta tmur lura d-dar, aħsel idejk bis-sapun u l-ilma. | Jekk għamilt iġjene tal-idejn b'sanitiser diversi drabi matul iż-żjara tiegħek, idejk jistgħu jkunu jwaħħlu mis-saffi tas-sanitiser. |
| Jekk ikun hemm xi irritazzjoni tal-ġilda mill-ilbies tal-maskra, applika moisturizer u mmonitorja. | L-applikazzjoni ta' moisturizer tal-wiċċ qabel u wara l-użu tal-PPE tista' tgħin biex tnaqqas l-irritazzjoni tal-ġilda. |
| Jekk tkun ma tiflaħx wara ż-żjara tiegħek, għarraf lill-maniġer tad-dar tal-kura tal-anzjani.<br>Ħu ħsieb is-saħħa tiegħek stess! Int parti siewja mill-kura u l-appoġġ ta' xi ħadd. | Hemm ċans li int kont qiegħed fid-dar tal-kura tal-anzjani matul il-perjodu infettiv tiegħek. Huwa importanti li d-dar tkun konxja minn dan u tieħu miżuri xierqa biex tipproteġi lir-residenti u 'l-istaff. |

[Lista ta' iċċekkjar żviluppata b'kontribut minn esperti tal-prevenzjoni ta' infezzjonijiet fid-Dipartiment tas-Saħħa ta' Victoria]

# X'inhu programm ta’ Partnerships in care (Sħubija fil-kura)?

## Programm ta’ Sħubija fil-kura jippromwovi relazzjonijiet eżistenti ta’ kura bejn residenti u l-membri tal-familja jew ħbieb qrib tagħhom.

Il-kwalità tal-ħajja u l-benesseri tal-anzjani vulnerabbli tagħna huma essenzjali. Permezz tal-pandemija tgħallimna l-importanza tal-kontinwità tal-kura, inkluż l-impatt sinifikanti u negattiv li t-tfixkil fir-rutina ta’ kuljum u l-interazzjonijiet soċjali jista’ jkollu fuq il-benessri ġenerali ta’ persuna.

Issir imsieħeb fil-kura (imsejjaħ ukoll sieħeb/partner) jiżgura li ħbieb u familja qrib jistgħu jżommu relazzjoni ta’ appoġġ mill-qrib u jkunu hemm għar-residenti tal-kura tal-anzjani tagħhom meta jkunu l-aktar meħtieġa. Dan jinkludi l-abbiltà li jiġu stabbiliti arranġamenti għal żjarat addizzjonali biex jipprovdu kura, appoġġ u kumpanija, anke fi żminijiet ta’ aċċess ristrett, bħal waqt imxijat.

It-tip ta’ appoġġ li tipprovdi bħala sieħeb fil-kura se jiddependi fuq ir-relazzjoni tiegħek u l-bżonnijiet tal-persuna li tieħu ħsieb. Jista’ jinkludi attivitajiet bħal:

- tgħin fl-ilbies, il-kura tal-ħalq u tas-snien, il-preparazzjoni u kura oħra li normalment tipprovdi
- qsim ta’ stejjer, ikel jew passatempi oħra
- tgħin biex tipprattika rutini ta’ eżerċizzju
- tgħin biex iżuru postijiet ta’ interess speċjali.

Importanti li, il-parteċipazzjoni fi programm ta' Sħubiji fil-kura tista' sseħħ biss bi qbil mir-resident tal-kura tal-anzjani jew ir-rappreżentanti tagħhom.

## X'inhuma l-benefiċċji li ssir sieħeb?

Il-parteċipazzjoni fi programm ta’ Sħubiji fil-kura tiżgura li:

1. hemm appoġġ akbar għar-residenti fir-rutini ta’ kuljum tagħhom inklużi l-kura tal-anzjani, is-saħħa mentali, il-moviment fiżiku, il-kumpanija soċjali u l-bżonnijiet kulturali
2. għandek ftehim fis-seħħ mal-provveditur tal-kura tal-anzjani u tista’ tipprovdi appoġġ addizzjonali lir-resident tiegħek, meta l-aktar jeħtieġuh u b'attivitajiet li huma importanti għalihom
3. tista’ tnaqqas l-impatti negattivi fuq is-saħħa u l-benessri ġenerali mill-iżolament soċjali
4. id-dar tal-kura tal-anzjani tkun taf dwar l-attivitajiet li int tagħmel mal-persuna li int tieħu ħsieb. Dan huwa partikolarment importanti f'ħinijiet fejn jista’ jkun li ma tkunx tista’ żżur is-servizz, sabiex is-servizz ikun jista’ jkompli jipprovdi appoġġ lir-resident tiegħek għal attivitajiet ewlenin bħall-ilbies, l-ikel, u l-kumpann.
5. inti tkun appoġġjat biex titgħallem jew ittejjeb il-ħiliet tiegħek ta’ prevenzjoni u kontroll tal-infezzjonijiet sabiex tkun tista’ żżur il-persuna li int tieħu ħsieb bl-aktar mod sigur possibbli u żżomm lilek innifsek u lil residenti oħra siguri.

## X'għandi bżonn nagħmel biex insir sieħeb?

L-imsieħba huma identifikati mir-resident tal-kura tal-anzjani, jew ir-rappreżentant tagħhom, u huma nies li għandhom relazzjoni personali mill-qrib mar-resident. Biex issir imsieħeb, huwa rakkomandat li inti:

- tara r-riżorsi li hemm fil-vidjo
- taqra l-informazzjoni kollha f'dan il-pakkett
- tlesti materjal illinkjat bħal mudelli ta' tagħlim onlajn li huma disponibbli permezz tal-websajt
- tlesti induzzjoni mas-servizz tal-kura tal-anzjani

Meta tkun irrevedejt l-informazzjoni kollha u rajt ir-riżorsi tal-vidjo, imla d-dikjarazzjoni fl-aħħar paġna u tkellem mad-dar tal-kura tal-anzjani dwar kwalunkwe rekwiżiti li huma speċifiċi għas-sħubijiet tagħhom fil-programm tal-kura.

## Ftehim ta' sħubiji fil-kura

Il-ftehim ta' sħubija fil-kura jista' jifformalizza l-arranġamenti tas-sieħeb mar-resident u mas-servizz tal-kura tal-anzjani. L-iktar importanti hu li, il-ftehim jgħin biex jiġi żgurat li jkun hemm kontinwità tal-kura jekk is-sieħeb ma jkunx jista' jżur, billi s-servizz jifhem x'attivitajiet qed iwettaq is-sieħeb. Dan se jappoġġa lis-servizz billi jikkunsidra kif se jissapportja kwalunkwe attività kritika f'dawn iċ-ċirkostanzi.

## Ftehim ta' sħubija fil-kura jista' jinkludi:

- dettalji dwar l-attivitajiet li s-sieħeb jappoġġja, inkluż kemm-il darba jżuru lir-resident biex jagħmlu dawn l-affarijiet
- rekwiżiti ta' taħriġ, inklużi taħriġ tal-IPC u induzzjonijiet speċifiċi għas-sit (tad-dar tal-kura tal-anzjani)
- meta l-ftehim se jiġi rivedut.

Ara l-kampjun tagħna tal-ftehim tas-sieħeb .

It-tip ta' appoġġ li jista' joffri sieħeb jista' jinbidel jekk id-dar tal-kura tal-anzjani tkun għaddejja minn imxija jew soġġetta għal ordnijiet tas-saħħa pubblika. Jekk ikun hemm espożizzjoni jew imxija tal-COVID, id-dar tal-kura tal-anzjani se timplimenta l-pjan ta' immaniġġjar għall-imxija tagħha. Matul dan iż-żmien, l-aċċess għandu jiġi ffaċilitat kemm jista' jkun malajr biex jiġi żgurat li l-persuna li int tieħu ħsieb, u r-residenti kollha, jkollhom aċċess kontinwu għal viżti.

# Dikjarazzjoni

Jekk jogħġbok imla u ffirma biex tikkonferma
li qrajt il-materjali kollha tat-taħriġ.

| | | |
|---|---|---|
| **Inżommu siguri lilek u lil persuna anzjana li int iżżur** | Iva | Le |
| **Iġjene tal-idejn** | Iva | Le |
| **L-ilbies tal-maskra** | Iva | Le |
| **Innaqqsu it-tixrid ta' infezzjoni waqt imxija** | Iva | Le |
| **Żjarat f'dar tal-kura tal-anzjani waqt imxija** | Iva | Le |

Ffirmat: ______________________ Data: ____________

Australian Government
Aged Care Quality and Safety Commission

Engage
*Empower*
**Safeguard**

*Il-Kummissjoni għall-Kwalità u s-Sigurtà tal-Kura tal-Anzjani tirrikonoxxi lis-Sidien Tradizzjonali tal-pajjiż madwar l-Awstralja, u l-konnessjoni kontinwa tagħhom mal-art, il-baħar u l-komunità. Nagħtu r-rispett tagħna lilhom u lill-kulturi tagħhom, u lill-Anzjani kemm tal-passat kif ukoll tal-preżent.*

Aġġornata l-aħħar fil-11 ta' Mejju 2023. Verżjonijiet aġġornati b'kontenut ġdid jistgħu jsiru disponibbli – erġa' ċċekkja lura fuq il-websajt tagħna regolarment biex tiżgura li qed taċċessja l-verżjonijiet attwali. Jekk tixtieq tipprovdi xi kummenti fir-rigward ta' din ir-riżorsa, jekk jogħġbok ibgħat email lil education@agedcarequality.gov.au.

**Telefon**
1800 951 822

**Web**
agedcarequality.gov.au

**Ikteb**
Aged Care Quality and Safety Commission
GPO Box 9819, fil-Belt Kapitali Tiegħek